# DEĊIŻJONIJIET TAL-QRATI SUPERJURI TA' MALTA L-EWWEL PARTI QORTI KOSTITUZZJONALI

**21 ta' Jannar, 1985**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Perit Vincent Galea

*versus*

Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u s-Segretarju Amministrattiv

**Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem - Ksur - Diskriminazzjoni - Politika - Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku - Uffiċjal Pubbliku - Servizz Pubbliku - Bord tad-Dixxiplina - Impjieg - Terminazzjoni - Tkeċċija - Ġurisdizzjoni - Att Amministrattiv - Nullità**

*Ir-rikorrent kien ġie mkeċċi mis-Servizz Pubbliku minn Bord tad-Dixxiplina mwaqqaf fi ħdan il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku. Ir-rikorrent allega li dik id-deċiżjoni kienet frott ta' diskriminazzjoni politika pperpetrata għad-dannu tiegħu u għalhekk kienet nulla. L-intimati eċċepew in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti li tissindika l-atti tal-Kummissjoni.*

*Il-Qorti rritjeniet li fejn si tratta ta' ksur tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem l-atti tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku kienu sindakabbli mill-qrati.*

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-Ġurisdizzjoni Kostituzjonali tagħha illi bih ir-rikorrenti wara li espona riverentement illi huwa mpjegat fis-Servizz Pubbliku; illi fis-6 ta' Diċembru, 1983 huwa ppubblika artikolu fil-gazzetta "In. . .Tagħna" jismu "Il-Poter"; illi l-esponent huwa attiv fil-politika u fl-aħħar elezzjoni kkontesta bħala kandidat tal-Partit Nazzjonalista; illi fl-20 ta' Diċembru, 1983 huwa ġie akkużat quddiem il-Bord tad-Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, b'diversi akkużi, fosthom illi "minkejja li ġejt imwissi, bħala uffiċjal pubbliku, li ma tistax, skond ir-regolamenti tikkontribwixxi fil-ġurnali artikoli ta' natura politika jew amministrattiva, inti injorajt it-twissijiet u bqajt xorta waħda tikteb artikoli ta' xejra politika; illi fis-6 ta' Jannar, 1984, huwa ġie sospiż mill-funzjonijiet tiegħu fuq ordni tat-tieni intimat; illi fl-20 ta' Frar, 1984 il-Bord tad-Dixxiplina rrakomanda illi l-esponent jinsab ħati ta' l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu; illi b'ittra tal-25 ta' Mejju, 1984, l-esponent ġie informat illi l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kienet ħelsitu mill-akkużi kollha, imma sabitu ħati ta' l-akkuża msemmija fir-raba' paragrafu ta' dan ir-rikors referibilment għall-pubblikazzjoni ta' artikolu fil-ġurnal "In. . . Tagħna" illi dwar din l-akkuża huwa ġie mwaħħal is-somma ta' mitt lira (Lm100), tilef is-salarju mid-data ta' l-interdizzjoni sad-29 ta' Mejju, 1984. L-interdizzjoni tiegħu ġiet imneħħija; illi għalkemm l-interdizzjoni tiegħu ġiet imneħħija meta l-esponent mar lura għax-xogħol,

huwa ġie miżmum, u għadu hekk miżmum sal-lum; illi diversi uffiċjali pubbliċi oħrajn jiktbu f'ġurnali politċi tal-Partit tal-Gvern u ma ttieħdu ebda passi dixxiplinari kontra tagħhom; illi dan l-aġir jikkostitwixxi diskriminazzjoni fuq bażi politika, ipprojbita mill-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; talab għaldaqstant li din il-Qorti jogħġobha tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex tiżgura t-twettiq tad-drittijiet ta' l-esponent, fosthom illi ssib lill-intimati ħatja ta' diskriminazzjoni politika, tannulla d-deċiżjonijiet tal-Bord tad-Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u ta' l-istess Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku in kwantu jolqtu l-akkuża li tagħha l-esponent ġie misjub ħati. Bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta ta' l-intimati Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u s-Segretarju Amministrattiv illi dik il-Qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni li tieħu konjizzjoni tar-rikors biex tissindika l-operat tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku billi għal dak il-fini tosta l-projbizzjoni ta' l-artikolu 118 tal-Kostituzzjoni. Salvi eċċezzjonijiet oħra fi stadju ulterjuri f'każ ta' bżonn;

Rat il-verbal tas-17 ta' Lulju, 1984 quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti fejn jidher li fuq talba tagħha u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni preliminari u in linea sussidjarja l-intimati eċċepew li ma saret l-ebda diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrent, kif ukoll, peress illi dehrilha li jkun aktar opportun li qabel xejn tiġi ttrattata u deċiża l-ewwel eċċezzjoni, l-invit tagħha lill-partijiet biex fl-ewwel lok jillimitaw ruħhom għal dawk il-provi u trattazzjoni għall-ewwel eċċezzjoni biss;

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-27 ta' Awissu, 1984 li biha rrespinġiet l-istess eċċezzjoni preliminari in kwantu tirrigwarda l-intimat Segretarju Amministrattiv waqt illi fil-konfront ta' l-intimat l-ieħor, u ċjoè iċ-*Chairman* tal-Kummissjoni dwar is-servizz Pubbliku irrespinġietha wkoll in kwantu tirrigwarda dik il-parti fejn ir-rikorrenti qed jitlob li l-Qorti "tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi tad-drittijiet ta' l-esponenti", iżda laqgħet l-istess eċċezzjoni preliminari fir-rigward tal-bqija tat-talbiet tar-rikorrenti jiġifieri li dik il-Qorti "tanulla d-deċiżjonijiet tal-Bord tad-Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-servizz Pubbliku in kwantu jolqtu l-akkuża li tagħha l-esponenti ġie misjub ħati" billi ddeċidiet li hija m'għandhiex ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni ta' din il-parti tar-rikors u b'dan għalhekk illi l-partijiet għandhom iressqu u jillimitaw il-provi tagħhom in meritu in konformità ma' din id-deċiżjoni u rriservat l-ispejjeż sal-ġudizzju aħħari u dan kollu wara li dik l-Onorabbli Qorti kkonsidrat:

"Illi l-eċċezzjoni preliminari ta' l-intimati hija msejsa fuq l-interpretazzjoni ta' l-artikolu 118 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta li titkellem dwar protezzjoni tal-Kummisjoni dwar is-Servizz Pubbliku minn proċeduri legali. Skond dan l-artikolu, il-kwistjoni jekk:

(a) il-Kummissjoni tkunx qdiet validament xi funzjoni mogħtija lilha bi jew skond il-Kostituzzjoni;

(b) xi membru tal-Kummissjoni jew xi uffiċjal pubbliku jew awtorità oħra tkunx qdiet validament xi funzjoni ddelegata lil dak il-membru, uffiċjal pubbliku jew awtorità bis-saħħa tad-disposizzjonijiet tas-sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 113 tal-

Kostituzzjoni; jew,

(c) xi membru tal-Kummissjoni jew xi uffiċjal pubbliku jew awtorità oħra dwar ix-xogħol tal-Kummissjoni jew dwar xi funzjoni bħal dik kif hija msemmija fil-paragrafu ta' qabel dan ma għandiex tiġi eżaminata minn ebda qorti. (sottolinear tal-Qorti)";

Illi skond ir-rikors tal-perit Vincent Galea (paragrafu 4 *et seq.*) fl-20 ta' Diċembru, 1983, huwa ġie akkużat quddiem il-Bord tad-Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ta' diversi akkużi, fosthom illi "minkejja li ġejt imwissi, bħala uffiċjal pubbliku, li ma tistax, skond ir-regolamenti tikkontribwixxi fil-ġurnali artikoli ta' natura politika jew amministratttiva, inti injorajt it-twissija u bqajt xorta waħda tikteb artikoli ta' xejra politika". Fis-6 ta' Jannar, 1984 il-perit Galea pie sospiż fuq ordni tas-Segretarju Amministrattiv. Fl-20 ta' Frar, 1984 il-Bord tad-Dixxiplina rrakkomanda illi l-esponent jinsab ħati ta' l-akkużi kollha. B'ittra ddatata l-25 ta' Mejju, 1984 - dejjem skond ir-rikorrent - il-Perit Galea ġie informat illi l-Kummissjoni kienet ħelsitu mill-akkużi kollha però sabitu ħati għall-pubblikazzjoni ta' artikolu fil-ġurnal "In. . . Tagħna". Dwar din l-akkuża, ikompli r-rikorrent, huwa ġie mwaħħal penali ta' Lm100 u tilef is-salarju mid-data ta' l-interdizzjoni sad-29 ta' Marzu, 1984. L-interdizzjoni ġie imneħħija. Madankollu, meta l-esponent mar lura għax-xogħol ġie miżmum, u hekk baqa'. Ir-rikorrenti allega wkoll illi diversi uffiċjali pubbliċi oħrajn jiktbu f'ġurnali politiċi tal-Partit tal-Gvern u ma ttieħdux ebda passi dixxiplinari kontrihom. Skond ir-rikorrenti dan l-aġir jikkostitwixxi diskriminazzjoni fuq bażi politika, ipprojbita mill-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;"

"Illi, fost it-talbiet tar-rikorrenti hemm li l-Qorti ssib lill-intimati ħatja ta' diskriminazzjoni politika u dik illi tannulla d-deċiżjonijiet tal-Bord tad-Dixxiplina tal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku in kwantu jolqtu l-akkuża li tagħha r-rikorrenti nstab ħati;"

"Mela, in kwantu si tratta ta' l-ewwel eċċezzjoni preliminari biss, il-Qorti mhix interessata f'dan l-istadju tistħarreġ u/jew tiddelibera jekk fil-fatt saritx xi diskriminazzjoni politika bi ksur u a tenur ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni għax dan huwa l-meritu tal-każ, imma qabel xejn qed jiġi ddeliberat u deċiż jekk din il-Qorti tistax tissindika jew le l-aġir ta' l-intimati fid-dawl ta' dak illi ġie premess mir-rikorrenti u dejjem in relazzjoni mat-talbiet u miżuri li qiegħed jitlob għal dak li hu sejjaħ "it-twettiq tad-drittijiet" tiegħu l-imsemmi rikorrenti;"

"Fir-kors tas-sottomissjonijiet orali, l-abili difensur ta' l-intimati fisser illi t-*test* ta' kull liġi, ***multo magis*** il-Kostituzzjoni bħala l-ogħla liġi tal-pajjiż, għandu jingħata l-piż tiegħu għaliex kull terminu adoperat, anki l-punteġġatura użata, ikunu saru bi skop. Issottometta li t-test tal-Kostituzzjoni fir-rigward tal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku kif joħroġ mill-artikolu 118 tal-Kostituzzjoni huwa ċar, b'mod allura li jeskludi sindikabilità minn kwalsijasi qorti. din l-esklużjoni assoluta u kategorika tixbaħ lil dik ikkontemplata fl-artikolu 87(3) referibbilment għal eżerċizzju tal-funzjonijiet tal-Prim Ministru skond il-Kostituzzjoni. Meta mbagħad, sostnew l-intimati, il-Kostituzzjoni ma riditx tkun daqsatant assoluta użat terminoloġija differenti u semma' bħala eżempju l-artikolu 126(10) li jgħid hekk:

"Ebda disposizzjoni ta' din il-Kostituzzjoni illi xi persuna

jew awtorità ma tkunx suġġetta għad-direzzjoni jew kontroll minn xi persuna jew awtorità oħra fl-eżerċizzju ta' xi funzjonijiet skond din il-Kostituzzjoni ma għandha tiftiehem bħala li tippreklúdi Qorti milli teżerċita ġurisdizzjoni dwar xi kwistjoni jekk dik il-persuna jew awtorità tkunx qdiet dawk il-funzjonijiet skond din il-Kostituzzjoni jew xi liġi oħra";

Dejjem fl-istess ambitu ta' diċitura anqas kategorika u espliċita minn dik li nsibu fl-artikolu 118 in diżamina, l-intimati ċċitaw l-artikolu 92(3) riferibbli għal ċertu operat ta' l-Avukat Ġenerali, l-artikolu 121(8) riferibbli għall-Awtorità tax-Xandir u l-artikolu 111(7) riferibbli għad-Direttur ta' Verifika. B'approvazzjoni u sostenn l-intimati ċċitaw żewġ każi ta' natura kostituzzjonali u ċjoè, "**Veterinarju Dr. F. Cassar -vs- Chairman tal-Public Service Commission**" deċiż fl-ewwel istanza fit-12 ta' Ottubru, 1976 iżda li jinsab ***sub judice*** fi stadju ta' Appell u l-każ "**A. Callus et -vs- Dr. A. Paris et nomine**" deċiż fis-7 ta' Lulju, 1966;"

"In risposta, l-abbli difensur tar-rikorrenti ssottometta li ma jistax ikun li l-artikolu 118 ifisser illi prattikament il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku għandha mogħti lilha jedd li tagħmel li trid mingħajr ebda ċensura inkluż anki li tikkalpesta d-drittijiet fondamentali tal-bniedem, li suppost huma protetti mill-istess Kostituzzjoni. Illi kif jidher mir-rapport tal-Malta Constitution Commission ta' l-1961 f'paġna 20, iċċitat mir-rikorrenti, ir-***raison d'être*** tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku kien dak li sservi ta' "*buffer*" bejn kwistjonijiet u regolamenti bejn il-Gvern tal-ġurnata fuq naħa u s-"*civil servant*" min-naħa l-oħra. Fi kliem ieħor, il-Kummissjoni ġiet istitwita biex tipproteġi lill-impjegat ċivili u mhux biex tintuża bħala arma kontra tiegħu xprunata mill-Eżekuttiv. Skond ir-

rikorrenti l-każi kostituzzjonali ċċitati mill-intimat ma għandhomx x'jaqsmu mad-Drittijiet tal-Bniedem imma huma dwar dixxiplina ta' regolamenti - ħwejjeġ importanti imma ċertament inferjuri għad-drittijiet fondamentali tal-bniedem. Iċċita b'sostenn il-każ fl-ismijiet "**Prof. Griffiths et -vs- Prim Ministru**" deċiż fis-27 ta' Frar, 1978. Skond ir-rikorrenti, l-artikolu in diżamina għandu jiftiehem fis-sens li l-Qorti ma tindaħalx basta però dal illi jkun sar ma jkunx jikkozza mal-Kostituzzjoni;"

"Fil-każ iċċitat **Callus et -vs- Paris et nomine** deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Lulju, 1966, insibu li skond id-dritt, id-Dritt Pubbliku Ingliż, li għalih għandna nirrikorru fin-nuqqas ta' leġislazzjoni lokali, l-organizzazzjoni tas-servizz ċivili hija materja ta' diskrezzjoni amministrattiva tas-servizz ċivili li ma taqax taħt il-kontroll tal-Qrati u dan japplika mhux biss għall-att konklussiv u finali għall-proċess preliminari konduċenti għal dak l-"*appointment*". Illi fil-liġi ta' Malta m'hemmx xejn li jaltera jew jaffettwa dak il-prinċipju anzi, id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni fl-Artikoli 113(1), 87(1) u (3) u 118 juru illi dak il-prinċipju ta' insindakabilità đa parti tal-Qorti ma ġiex injorat anzi, ġie ttrasportat fihom. F'dan il-każ il-Qorti ddeċidiet li hija ma tistax tinvestiga l-ilment ta' l-appellanti billi kienet il-Public Service Commission biss li setgħet validament tikkonduċi jew tikkontrolla l-kompetizzjoni u li l-Ministru ta' l-Edukazzjoni jew id-Direttur ta' l-Edukazzjoni jew il-Board of Local Examinations ma setgħux validament jikkonduċu jew jikkontrollaw il-kompetizzjoni għax din kienet tirrigwarda x-xogħol tal-Kummissjoni. F'dan il-kuntest il-Qorti kienet tal-fehma illi l-kliem "*validly performed*" jinkludi wkoll "*whether performed*". In kwantu allura ċ-ċitazzjoni f'dan il-każ kienet ibbażata fuq dan l-ilment, il-Qorti ddikjarat li ma kellhiex ġurisdizzjoni biex tieħu

konjizzjoni tal-każ;"

"Dwar il-każ l-ieħor **Veterinarju Dottor F. Cassar -vs- Chairmain tal-Public Service Commission** il-Qorti tirrileva li dan għadu *tutt'ora* ***sub judice*** u kwindi mhux il-każ li wieħed jiċċitah bħala punt ta' riferenza meta għadu jistenna deċiżjoni finali fit-tieni istanza. L-anqas però ma jidher li dan il-każ għandu xi meritu simili għal dak in eżami għax m'għandux x'jaqsam ma' allegat ksur tal-Kostituzzjoni minħabba vjolazzjoni ta' wieħed mid-Drittijiet ta' Bniedem, imma minflok għandu x'jaqsam ma' irregolarità proċedurali waqt proċess partikolari relattiv għar-rikorrenti rigwardanti l-produzzjoni o meno ta' xhieda. B'danakollu b'din id-deċiżjoni hemm riferenza għall-artikolu 118 tal-Kostituzzjoni li tgħid hekk:

"Din id-disposizzjoni, fil-fehma tal-Qorti, tipprekludi lill-Qrati milli jeżaminaw u jiddeċidu dwar materji affidati lill-Kummissjoni taħt l-artikoli 113, 114, 115 u 117 u jekk il-Kummissjoni qdietx il-manzjonijiet tagħha validament";

Dwar il-bqija tal-meritu, ġie rritenut li l-Qorti għandha ġurisdizzjoni li tara illi l-formalitajiet u prċeduri li jirregolaw il-Kummissjoni u lill-Bord tad-Dixxiplina, fejn il-Kummissjoni stess ħasset il-ħtieġa li għandha tagħmel regoli, jiġu osservati, u tara li kollox isir skond il-liġi;"

"Mill-***punto di vista*** tal din l-istanza, il- każ iċċitat mir-rikorrenti fl-ismijiet "**Griffiths -vs- Prim Ministru**" deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Frar, 1978, huwa aktar rilevanti u attinenti, anke jekk il-meritu huwa dwar talba sabiex tiġi impunjata liġi f'forma ta' regolament a bażi tan-nuqqas ta' validità u kostituzzjonalità tiegħu. F'din il-kawża l-atturi riedu

jimpunjaw il-validità u kostituzzjonalità ta' regolament introdott sabiex jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Proċedura ta' Dixxiplina). Il-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet li r-regolament in kwistjoni kien "liġi" anke għall-finijiet tal-Kostituzzjoni u b'hekk dak li kien qed jiġi mpunjat kienet il-validità u l-kostituzzjonalità ta' "*subordinate legislation*";

Fil-korp tar-***ratio decidendi***, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

". . . . jeħtieġ li jiġi kkunsidrat jekk l-għemil ta' din il-liġi subordinata jaqax fost il-funzjonijiet tal-Public Service Commission li għalihom hemm riferenza fl-imsemmi artikolu 118 tal-Kostituzzjoni li, kif ingħad, hu l-bażi kollha ta' l-eċċezzjoni kif ifformulata jew jekk bħala liġi l-imsemmi regolament hux soġġett għad-disposizzjonijiet kostituzzjonali li jissottomettu l-validità ta' liġijiet għas-sindakat tal-Qorti;

"L-artikolu 6 tal-Kostituzzjoni jagħmel "*saving*" biss (għall-finijiet ovvji ta' koordinazzjoni) għas-sub-artikoli (7) u (9) ta' l-artikolu 96(2)(e) moqri flimkien ma' l-artikolu 47 ma jagħmilx eċċezzjoni u l-artikolu 67 tal-Kostituzzjoni, l-artikolu 119 (dejjem tal-Kostituzzjoni) li jittratta proprju fuq l-azzjonijiet dwar il-validità ta' liġijiet jitkellem fuq l-impunjativa ta' "*any law*". Dan hu prinċipju bażilari tal-Kostituzzjoni li toħroġhom mill-prinċipji Kostituzzjonali tas-sindakat ġudizzjarju tal-validità ta' liġijiet . . . . Meta dan hu hekk minnu jipprexindi li l-artikolu 118 tal-Kostituzzjonali (li fuqu biss, jerġa' jingħad, hija bbażata l-azzjoni kif ifformulata) għar-raġunijiet premessi ma jostax għall-impunjativa tar-regolament in kwistjoni bħala tali . . . . Dan ovvjament u neċessarjament ifisser illi l-ġurisdizzjoni tal-

Qorti fil-każ in eżami ta' impunjativa ta' liġi subordinata mhix eskluża mill-imsemmi artikolu 118, kif pretiż fl-eċċezzjoni . . .";

"Kwindi f'din l-aħħar deċiżjoni msemmija in re "**Griffiths -vs- Prim Ministru**", il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet li, in kwantu si tratta ta' liġi, l-imsemmi regolament huwa soġġett għad-disposizzjonijiet Kostituzzjonali li jissottomettu l-validità ta' liġijiet għas-sindikat tal-Qorti. Ir-regolamenti ġew magħmulin mill-Kummissjoni taħt poteri kkonferiti lilha mill-Kostituzzjoni; b'danakollu l-Qorti waslet għall-konklużjoni li bħala "liġi" hija għandha ġurisdizzjoni li tissindika l-validità o meno tagħhom f'kawża ta' impunjativa;"

"Fil-każ tagħna ***non si tratta*** ta' liġi imma ta' allegata vjolazzjoni tad-drittijiet u libertajiet fondamentali ta' l-individwu a bażi ta' diskriminazzjoni politika kif hemm ikkontemplat fl-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni. Il-posizzjoni f'dan ir-rigward hija anqas ċara milli fil-każ ta' validità *o meno* ta' liġi. Fost kitbiet ta' *text-writers* awtorevoli Ingliżi, ngħidu aħna, nitaqgħu ma' brani bħas-segwenti meħud minn Garner (ara *Administrative Law*, Butterworth 1974, London, 4th Ed., pġ. 155, Kap. VI - "*Redress Through the Courts*") taħt l-inċiż "*The Exclusion of Judicial Review*":

"*As a cardinal rule, access to the Queen's Courts in circumstances where such access would otherwise lie, is not to be denied, save by the clear words of a statute. Thus, in* ***Chester -vs- Bateson*** *a Ministerial order which purported to prevent a landlord from having recourse to the Courts in order to obtain possession of his property, and which had been made under a*

*widely drawn power conferred by statute to legislate for the purpose of controlling munitions, was held to lie* ***ultra vires****. Statutory provisions which exclude all possibility of judicial review are categorised by some judges and writers as being contrary to the general principles of justice and therefore undesirable. This argument, reasonable as it undoubtedly is, is not supported by legal considerations, because there is no principle by which the validity of a statutory provision may be called into question. In the United States, an appeal could be made to the 'due process clause' of the fifth or fourteenth Amendment to the Constitution, and a provision in a Federal or Statute would be declared void if it purported to exclude the rights of the citizen to appeal to the Courts. In this country, however, some forms of words may effectively exclude review although 'privative clauses' will be construed as far as possible in favour of the citizen";*

"Mela, mis-suespost jidher li għalkemm l-awtur qed jaċċetta "*ouster clauses*" li jeskludu inġerenza jew sindakabilità jew ġurisdizzjoni mill-qrati, qed ipoġġi fuq pjan differenti każi ta' natura kostituzzjonali f'pajjiżi b'Kostituzzjoni miktuba bħal dik ta' l-Istati Uniti u barra minn dan anki f'dik li hija interpretazzjoni ta' klawsoli simili f'każ ta' nuqqas ta' kjarezza adegwata din għandha tirrisolvi ruħha għaf-favur taċ-ċittadin;"

"L-awtur S.A. de Smith (ara ***Judicial Review of Administrative Action***, Stevens, 3rd Ed. London, 1973, pg. 314, Kap. 7, Statutory Restriction of Judicial Review) kiteb hekk:

*"In matters of public law the role of the ordinary courts is of high constitutional importance. It is a function of the Judiciary to pass upon the validity of acts and decisions of the Executive and administrative tribunals, and to afford protection to the rights of the citizen. Legislation which deprives them of the power to perform this function is often claimed to be inimical to the principle of the rule or supremacy of law. The Executive, however, has shown an understandable reluctance to offer the citizen a sporting chance of disturbing the course of administration, and has secured the passage of legislation designed to protect the exercise of its administrative and subordinate legislative powers against effective challenge in the Courts".*"

"Madanakollu l-istess awtur (op. cit. pg. 317) jissokta hekk:

*"In situations where the courts have no jurisdiction to intervene, . . . they may nevertheless review the validity of the final determination by the appointed tribunal in the exercise of their supervisory jurisdicition."*

Bħala konklużjoni, l-awtur jgħid illi:

*"The courts steered an erratic course, but generally veered towards a solution which enabled them to retain a qualified power to pass upon the __vires__ of the instrument";"*

"Fil-preċitat każ, **Griffiths -vs- Prim Mininstru**, il-Qorti Kostituzzjonali, aktar milli preokkupazzjoni li żżom xi poter kwalifikat, għamlitha ċara li l-ġurisdizzjoni tagħha temerġi mill-

Kostituzzjoni nnifisha. Din id-deċizjoni kienet però, bħal fil-każ preżenti, waħda preliminari. Meta l-Qorti għaddiet imbagħad ulterjorment biex tiddelibera in meritu fil-ġudizzju finali tagħha mogħti fil-31 ta' Lulju, 1978, kellha dan xi tgħid:

"Regolament, kif hu magħruf, jista' jkun invalidu stess li awtorizzatu, imma f'pajjiż fejn hemm Kostituzzjoni miktuba li hi l-liġi suprema jrid ukoll ma jivvjolax xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni (ara l-każ Amerikan Ex parte Hull (1941) 312 -vs- 546, paġ. 549). Imma bil-kliem grass mill-appellanti "u ma jkunu meħtieġa ebda proċeduri taħt dawn ir-regolamenti" ma jistax jingħad, kif qed jiġi pretiż, il-Kummissjoni abdikat il-funzjonijiet tagħha taħt il-Kostituzzjoni għax-xorta waħda jibqa', kif diġà ngħad, u minn imkien dan ma jidher li ġie eskluż li l-Kummissjoni għandha fil-qadi tal-funzjonijiet tagħha timxi skond il-liġi anke jekk il-proċeduri tagħha ma jiġux immexxija skond l-imsemmija regolamenti imma, kif esspressament imsemmi mill-istess Kostituzzjoni";"

"Biex niġu issa għall-każ in diżamina, fil-paragrafu numru ħdax (11) tar-rikors, ir-rikorrent invoka a favur tiegħu l-protezzjoni mogħtija lilu mill-Kostituzzjoni in forza ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni. Dan l-artikolu, minbarra illi jiddisponi li ebda liġi ma għandha tagħmel xi disposizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nnifisha jew l-effett tagħha, jgħid ukoll illi bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-sub-artikoli (6), (7) u (8), ħadd ma għandu jiġi ttrattat b'mod diskriminatoru minn xi persuna li taġixxi bis-saħħa ta' xi liġi miktuba jew fil-qadi tal-funzjonijiet ta' xi kariga pubblika jew xi awtorità pubblika. Fis-sub-artikolu (6) ta' l-artikolu 46 hemm ***di più*** riferenza għas-sub-artikoli (4) u (5) ta' l-istess artikolu; fil-waqt li fis-sub-artikolu (7) hemm riferenza għas-sub-artikolu (3). Aspett

importanti ta' dawn is-sub-artikoli, mill-***punto di vista*** tagħna, huwa dak li fil-fatt l-istess artikolu 46 **jagħmel diversi eċċezzjonijiet** dwar trattament diskriminatorju kontra xi persuna in forza ta' xi liġi jew tal-Kostituzzjoni. Hekk, ngħidu aħna, is-sub-artikolu 7 ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jgħid illi:

"Ebda ħaġa li jkun hemm jew li tkun magħmula bl-awtorità ta' xi liġi ma għandha titqies ti tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan l-artikolu safejn il-liġi in kwistjoni tagħmel provvediment li bih persuni ta' xi deskrizzjoni bħal dik kif hija msemmija fis-sub-artikolu (3) ta' dan l-artikolu jistgħu jiġu assoġġettati għal xi restrizzjoni fuq drittijiet u libertajiet garantiti bl-artikolu 39, 41, 42, 43 u 45 ta' din il-Kostituzzjoni, li tkun restrizzjoni bħal dik kif awtorizzata bl-artikoli 39(2), 41(2), 43(2) jew 45(3)"; bl-istess mod, fis-sub-artikolu (8) sussegwenti nsibu li:

"Ebda ħaġa fis-sub-artikolu (2) ta' dan l-artikolu" - jiġifieri l-artikolu 46; "ma għandha tolqot xi diskrezzjoni dwar l-egħmil, tmexxija jew nuqqas ta' tkomplija ta' proċeduri ċivili jew kriminali f'xi Qorti li jkollha xi persuna bi jew skond din il-Kostituzzjoni jew xi liġi oħra";

Mela fl-istess artikolu 46 insibu eżenzjonijiet u eċċezzjonijiet għar-regola minkejja l-fatt li ***si tratta*** tad-drittijiet fondamentali ta' l-individwu. Ma nsibu l-ebda riferenza espressa għall-artikolu 118 tal-Kostituzzjoni, **iżda** dan l-artikolu 118 ma jħalli ebda dubbju **fid-dispożittiv tiegħu li l-kwistjoni jekk il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tkunx qdiet validament xi funzjoni mogħtija lilha bi jew skond din il-Kostituzzjoni ma għandhiex tiġi eżaminata minn ebda qorti.** Meta kiteb dwar "*Exclusion or Restriction of Supervisory Jurisdiction*" f'kapitolu fuq "*Supervisory Jurisdiction of the*

*High Court"*, il-Hood Phillips (ara *Constitutional and Administrative Law*, Sweet D. Maxwell, 3rd Ed. Chap. 33 page 673) qal hekk: "*Statutes have in the past excluded the remedy of certiorari or prohibition in matters to which the Acts related, but that did not prevent the Court from granting the remedy if a question of jurisdiction arose.* ***Parliament can of course, by express words, oust the Courts from their supervisory jurisdiction over public authorities altogether, although it has rarely done so in clear and unmistakeable language***";

Fil-fehma tagħha, il-Qorti jidhrilha illi d-dispost ta' l-artikolu 118 tal-Kostituzzjoni huwa espress "*in clear and unmistakeable language*" b'mod li ma jħalli lok għal ebda interpretazzjoni fakoltativa. Rajna mis-suesposti artikoli li fejn riedet, il-Kostituzzjoni għamlet diversi "*saving clauses*". Kwindi, li kieku l-leġislatur ried jipproteġi l-artikolu 46 mill-operat tal-Kummissjoni kien ċertament jagħmel dan espressament. Barra minn dan, fl-artikolu 46 u s-sub-artikoli kkontenuti fih ma kien hemm ebda ħtieġa għal riferenza għall-artikolu 118, għas-sempliċi raġuni li dan l-artikolu 118 jiddisponi b'mod ċar li f'ċerti każi fih elenkati l-ġurisdizzjoni ta' kwalsiasi qorti (it-test jispeċifika "ebda qorti") hija eskluża;

Fil-premessi tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent mhux jallega, għax ma setax jagħmel dan, li l-Kummissjoni kienet "*ultra vires*" il-Kostituzzjoni għas-sempliċi fatt li ħadet passi dixxiplinarji kontra impjegat ċivili bħalma hu r-rikorrenti għaliex tali poter jinsab konferit lilha mill-Kostituzzjoni u per konsegwenza hija waħda mill-funzjonijiet tagħha. Minflok, ir-rikorrenti qiegħed jallega illi fit-twettieq ta' dina l-funzjoni hija aġiet b'mod li għamlet diskriminazzjoni fuq bażi politika. Fil-fehma ta' din il-Qorti iżda, a bażi ta' dak illi tgħid l-istess Kostituzzjoni, hija

tinsab prekluża li tissindika fuq kwistjonijiet ta' jekk il-Kummissjoni qdietx validament jew le l-funzjoni fuq imsemmija mogħtija lilha skond il-Kostituzzjoni. Kif ġie sottomess mill-intimati l-Kostituzzjoni tagħna għandha tittieħed fl-assjem u fit-totalità tagħha għal fini ta' interpretazzjoni. Meta wieħed jagħmel dan isib li fil-waqt li l-artikolu 46 jagħmel diversi eċċezzjonijiet għar-regola *di fronte* għal diversi liġijiet eżistenti jew promulgati mill-istess Kostituzzjoni, l-artikolu 118 tal-Kostituzzjoni *invece* ma jagħmel jew jeskludi ebda artikolu mill-operat tal-Kummissjoni;

Għaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li għandha tilqa' l-eċċezzjoni preliminari fir-rigward ta' parti mit-talbiet tar-rikorrenti u ċjoè fejn huwa talab li jiġu annullati "id-deċizjonijiet tal-Bord tad-Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku in kwantu jolqtu l-akkuża li tagħha l-esponent ġie misjub ħati;

Fl-istess waqt, però, tirritjeni illi l-istess eċċezzjoni mhix applikabbli in kwantu diretta kontra kull "aġir" magħmul mill-intimat Segretarju Amministrattiv li ma jgawdi ebda eżenzjoni jew protezzjoni mill-artikolu 118 tal-Kostituzzjoni u f'dan ir-rigward għalhekk hija tiċħadha;

Illi fil-korp tar-rikors tiegħu, barra mis-suespost, ir-rikorrenti allega fatti u "aġir" illi ġraw wara u/jew f'kull każ independetement mill-funzjonijiet konferiti lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, liema "aġir" jekk jirriżulta jista' jagħti lok għall-ksur tal-Kostituzzjoni kif reklamat mir-rikorrenti. F'dan is-sens għalhekk hija tiddeċidi li fil-konfront ta' dan l-"aġir" l-eċċezjoni preliminari mhix applikabbli u tirrispinġiha wkoll f'dan ir-rigward;

Rat a fol. 32 sa 41 ir-rikors ta' l-appell tal-Perit Vincent Galea li permezz tiegħu talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu l-istess sentenza irrispinġiet l-eċċezzjoni preliminari ta' l-intimati fil-limiti espressament imsemmija fis-sentenza u tirrevokaha in kwantu laqgħet l-eċċezzjoni preliminari ta' l-intimati limitatament għat-talba ta' l-appellant li jiġu annullati d-deċiżjonijiet tal-Bord tad-Dixxiplina tal-P.S.C. u ta' l-istess P.S.C. in kwantu jolqtu l-akkuża li tagħha huwa ġie misjub ħati u konsegwentement tirrespinġi *in toto* l-eċċezzjoni preliminari ta' l-intimati u tibgħat lura l-atti tal-kawża għall-kontinwazzjoni quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti;

Rat a fol. 42 sa 44 ir-risposta taċ-*Chairman* tal-*Public Service Commission* li biha filwaqt li irriserva illi jagħmel appell mis-sentenza parzjali tas-27 t'Awissu, 1984, flimkien ma' appell jekk ikun hemm bżonn minn sentenza definittiva, talab li din il-Qorti tiċħad l-appell tar-rikorrent u tikkonferma dik il-parti mis-sentenza appellata li l-appellant qiegħed jitlob ir-revoka tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant;

Rat a fol. 45 sa 46 ir-risposta tas-Segretarju Amministrattiv li fiha filwaqt li irriserva illi jagħmel appell mis-sentenza parzjali tas-27 t'Awissu, 1984, flimkien ma' appell jekk ikun hemm bżonn mis-sentenza definittiva, talab li din il-Qorti jogħġobha tiċħad l-appell interpost mir-rikorrent bl-ispejjeż kollha kontra tiegħu;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Semgħet it-trattazzjoni eżawrjenti ta' l-abbli difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi s-sottomissjonijiet ta' l-appellant effettivament huma abbastanza sempliċi u jistgħu jiġu sintetizzati f'dawn l-argumenti li ġejjin u li jirriflettu l-kontenut u l-essenza tar-rikors ta' l-appell u t-trattazzjoni orali tad-difensur tiegħu:

1. Bis-sentenza tagħha l-ewwel Onorabbli Qorti iddeċidiet li l-artikolu 118 tal-Kostituzzjoni jipprekludi l-Qrati milli jissindikaw jekk il-P.S.C. ivvjolatx d-drittijiet fondamentali tal-bniedem u tali deċiżjoni konsiderati l-kelma u l-ispirtu tal-Kostituzzjoni hi erroneja għax tpoġġi l-P.S.C. 'l fuq mill-Kostituzzjoni;

2. Bis-setgħa lilha mogħtija mill-artikolu 123 tal-Kostituzzjoni il-P.S.C. għandha regolamenti ta' dixxiplina li taħthom hija marbuta sabiex tespleta l-funzjoni tagħha. Dawn ir-regolamenti ma jawtorizzawx il-vjolazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, iżda huma intiżi sabiex jirregolaw il-każijiet ta' dixxiplina quddiem il-Kummissjoni. Il-P.S.C. teżamina il-każ, tisma' x-xhieda u tasal għall-konklużjoni. F'din il funzjoni tagħha ħadd ma jista' jindaħlilha. Ħadd ma jista' per eżempju, jappella għax ma jaqbilx mad-deċiżjoni tagħha. Jekk kienx hemm provi biżżejjed jew le, jew jekk xhud għandux jiġi emmnut jew le, dawn huma kwistjonijiet li tiddeċidihom finalment u esklussivament il-P.S.C. stess;

3. Fil-każ odjern l-appellant mhux qed jappella minn xi deċiżjoni tal-Kummissjoni iżda qed igħid li irrispettivament minn jekk il-P.S.C. "*validly performed any function vested in it*", hija aġiet b'mod politikament diskriminatorju kontra tiegħu billi fil-konfront tiegħu istitwiet prosekuzzjoni u fil-konfront ta'

ħaddieħor li għamel bhar-rikorrent iżda huma ta' partit ieħor, għalqet għajnejha. Dan imur kontra l-prinċipju bażilari sanċit bl-ewwel artikolu tal-Kostituzzjoni li Malta hi repubblika demokratika bażata fuq, fost affarijiet oħra, r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem;

4. Jekk il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-P.S.C. ma jista' jindaħlilha ħadd, lanqas meta tivvjola d-drittijiet tal-bniedem dan jiġi jfisser li jekk il-P.S.C. tosserva r-regoli tagħha skrupolożament iżda per eżempju żżomm *civil servant* li jkun arrestat indefinittivament jew timmaltrattah fiżikament il-Qorti ma tistax tindaħal, u dan a skapitu ta' dak kollu li tipproteġi l-istess Kostituzzjoni;

5. Il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni japplika għal kulħadd, anzi b'mod speċjali għal kull min għandu l-iċken nitfa ta' poter jew awtorità pubblika, bħal fil-każ tal-P.S.C.;

Ikkunsidrat:

Illi għal dawn l-argomenti u sottomissjonijiet l-intimat *Chairman* tal-P.S.C. u anki l-intimat l-ieħor jirribattu billi jsostnu li:

A. Jekk il-Kostituzzjoni stess tgħid li xi organu ma huwiex soġġett għal xi organu ieħor dan ma jfissirx li b'hekk dak l-organu jkun qed jitqiegħed 'l fuq mill-Kostituzzjoni imma tkun il-Kostituzzjoni stess li iddeċidiet hekk u ma hemm ħadd fuqha biex jindaħlilha;

B. Dan ma jfissirx li l-P.S.C. mhix marbuta bil-kelma u l-ispirtu tal-Kostituzzjoni. Infatti għandha d-dmir li tosserva

l-Kostituzzjoni f'kollox. Iżda l-Kostituzzjoni ma ipprovdietx għal skrutinju ta' l-operat tagħha;

Ikkunsidrat:

Illi wara li eżaminat sewwà u fid-dettal l-atti rilevanti, s-sentenza appellata u s-sottomissjonijiet orali u skritti li saru, din il-Qorti hi tal-fehma li effettivament il-każ ma jippreżentax id-diffikultajiet u l-konflitt ta' massimi u prinċipji u dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni li *prima facie* wieħed jista' jieħu impressjoni li jista' jkun hemm. Fil-fatt fil-fehma ta' din il-Qorti l-problema legali involuta fil-meritu ta' dan l-appell hi waħda sempliċi biżżejjed biex anqas tirrikjedi tul fl-espożizzjoni ta' l-argomenti li jirriżolvuha;

Fis-soluzzjoni tal-problema imbagħad, bir-rispett kollu lejn il-partijiet u anki l-ewwel Onorabbli Qorti, riferenza għal awturi u sistemi esteri mhux biss fil-każ in eżami m'humiex ta' għajnuna anzi pjuttost jistgħu jservu biex jikkomplikaw il-veru pern tal-kwistjoni, li la jirrigwarda s-"*saving clauses*" u lanqas il-validità ta' xi liġi jew regolament, iżda l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' l-istess Kostituzzjoni;

Illi l-argoment bażilari fil-fehma ta' din il-Qorti hu li jekk wieħed kellu jaċċetta li deċiżjoni tal-P.S.C. m'hi qatt soġġetta għall-iskrutinju tal-Qorti lanqas jekk bl-aktar mod lampanti tikser xi dritt fondamentali tal-bniedem, jammonta għall-asserzjoni li għall-P.S.C. il-Kostituzzjoni ta' Malta tibda mill-artikolu 112 u tispiċċa fl-artikolu 118 u li għall-impjegat ċivili l-kumplament tagħha seta' faċilment ma sar xejn għax jista' jiġi volontarjament jew involontarjament injorat u hu qatt ma jista' jirriklama drittijiet jew jitlob rimedji. Dan, però, la hu

l-mod kif wieħed iħares lejn l-artikolu 118 kif lanqas ma hu l-mod kif wieħed jifhem u japplika l-Kostituzzjoni. Kemm dan hu prinċipju bażilari jemerġi sempliċement mill-argument li jekk hu veru, kif inhu veru, li l-Kostituzzjoni teskludi mill-iskrutinju tal-Qrati tal-pajjiż kwistjonijiet dwar jekk il-P.S.C. tkunx qdiet validament xi funzjoni mogħtija lilha bi jew skond il-Kostituzzjoni, daqstant ieħor hu veru li meta tittratta fuq id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem fejn riedet li jkun hemm eċċezzjonijiet dan qalitu kategorikament, b'mod li din il-Qorti sempliċement ma tistax taċċetta li oltre dak provdut fl-istess Kostituzzjoni fil-Kapitolu IV hawn xi ħadd jew xi ħaġa li għaliha l-istess Kap seta ma sar xejn;

Infatti s-soluzzjoni ta' dan l-appell tinsab l-ewwel filli wieħed jifhem l-import ta' l-artikolu 118 tal-Kostituzzjoni u t-tieni filli wieħed jifhem li l-Kap X tal-Kostituzzjoni (li jinkorpora dak l-artikolu) ma jikkostitwix il-Kostituzzjoni iżda hu biss parti mill-Kostituzzjoni li fiha wkoll il-Kap IV, li mhux biss jipproklama bis-solennità kollha d-drittijiet fondamentali ta' l-individwu iżda anki jipprovdi rimedji f'kull każ ta' ksur ta' dawn d-drittijiet inkluż id-dritt li wieħed jadixxi l-Qorti salvi biss eċċezzjonijiet hemm kontemplati;

Infatti minn eżami ta' l-artikolu 118 hu ċar li dak li ma jistax jiġi skrutinat mill-Qrati huwa l-eżerċizzju tal-P.S.C. tal-funzjonijiet tagħha mogħtija lilha bil-Kap X tal-Kostituzzjoni iżda ma dawn wieħed ma jistax iħallat kwistjonijiet li jinvolvu drittijiet fondamentali għax dawn mhux biss huma ħaġa separata u distinta u fondamentali izda jirispettaw lil kulħadd indistintament, *ammenocche* mhux espressament esklużi taħt il-Kap rilevanti tal-Kostituzzjoni jiġifieri l-Kap IV;

Taħt il-Kap IV tal-Kostituzzjoni imbagħad, kemm jekk wieħed iħares lejn l-artikolu 33 kif ukoll lejn l-artikolu 46 wieħed ma jistax jibqalu dubbji. Infatti bl-artikolu 33 id-dispożizzjonijiet tal-Kap IV (i.e. inluz l-artikolu 46) jkollhom seħħ sabiex jagħtu protezzjoni għad-drittijiet u libertajiet fondamentali ta' l-individwu salvi għal dawk il-limitazzjonijiet ta' dik il-protezzjoni kif jinsabu f'dawk id-dispożizzjonijiet, li huma limitazzjonijiet maħsuba biex jiżguraw li t-tgawdija ta' dawn id-drittijiet minn xi individwu ma tippreġudikax id-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn jew l-interess pubbliku. Dan fil-fehma tal-Qorti ma jfissirx hag' oħra ħlief li l-eċċezzjonijiet għall-applikazzjoni tad-drittijiet fondamentali ta' l-individwu wieħed għandu jfittixhom fl-istess dispożizzjonijiet li jikkrejaw l-istess drittijiet;

Bl-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni mbagħad, ħadd ma għandu jiġi trattat b'mod diskriminatorju minn xi persuna li taġixxi bis-saħħa ta' xi liġi miktuba jew fil-qadi tal-funzjonijiet ta' xi kariga pubblika jew xi awtorità pubblika, ħlief għal dawk l-eċċezzjonijiet li l-istess Kostituzzjoni tipprovdi għalihom taħt is-subartikoli (6), (7) u (8) ta' l-istess artikolu 46, u fost dawn l-eċċezzjonijiet il-P.S.C. mhix inkluża. Ġjà ladarba hu hekk, hu assolutament kontroindikat li wieħed jeżamina l-artikolu 118 tal-Kostituzzjoni ulterjorment għax dak jirriferixxi għal funzjonijiet eżerċitati fit-termini tal-Kap X tal-Kostituzzjoni u fl-ebda ħin u bl-ebda mod ma jinvadi il-Kap IV u l-applikabilità tad-diversi dispożizzjonijiet tiegħu;

Għal dawn il-motivi, għalhekk, tiddecidi billi tilqa' l-appell u għalhekk filwaqt li tikkonferma s-sentenża appellata in kwantu l-istess irrispinġiet l-eċċezzjoni preliminari in eżami fil-limiti espressament imsemmija fl-istess sentenza, tirrevoka

l-imsemmija sentenza appellata in kwantu laqgħet dik l-eċċezzjoni preliminari ta' l-intimati limitatament għat-talba tar-rikorrent appellant li jiġu annullati d-deċizjonijiet tal-Bord tad-Dixxiplina tal-P.S.C. u ta' l-istess P.S.C. in kwantu jolqtu l-akkuża li tagħha l-appellant ġie misjub ħati, u konsegwentement tiċħad *in toto* l-imsemmija eċċezjoni preliminari ta' l-intimati appellati u tordna illi l-atti tal-kawża jiġu rinvjati lill-ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi. L-ispejjeż ta' din l-istanza fiċ-ċirkostanzi tal-każ jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet, b'dan li l-ispejjeż tar-Reġistru ikunu a kariku ta' l-intimati appellati.